

Artiklu

29-01-2021 - 10:24
20200408ST076807



Kif il-Parlament adatta biex ikompli jaħdem matul pandemija

MT

Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni

Parlament Ewropew - Spokesperson: Jaume Duch Guillot
Kuntatt: webmaster@europarl.eu

114



Il-Membri tal-PE jitkellmu fid-dibattiti tal-plenarja permezz ta' vidjokonferenzi mill-uffiċċi ta' kollegament tal-Parlament

Il-pandemija tal-COVID-19 ġiegħlet lill-Parlament jillimita l-laqgħat fiziċċi u jaħdem mill-bogħod, iżda I-Membri tal-PE qed ikomplu jieħdu miżuri urġenti u jimplimentaw prijoritajiet fit-tul

Il-Parlament kompla l-funzjonijiet ewlenin tiegħu – jiġifieri li jgħaddi l-ligħiġiet, japprova l-baġit tal-UE u jissorvelja lill-Kummissjoni – filwaqt li adatta biex jippermetti lill-kumitat u lill-plenarja jimplimentaw azzjonijiet meħtieġa biex [I-UE twieġeb għall-Covid-19](#) kif ukoll prioritajiet fit-tul [bħall-Patt Ekoloġiku](#), is-servizzi diġitali, il-politika agrikola tal-UE, [il-baġit fit-tul](#) u l-Brexit.

Id-demokrazija ma tistax tiġi sospizza

Bħal miljuni ta' Ewropej oħra, il-Membri tal-PE u l-membri tal-personal tal-Parlament bdew jaħdmu mid-dar minħabba l-miżuri ta' kwarantina u tbegħid soċjali li jinsabu fis-seħħ biex jiġi limitat it-tixrid tal-coronavirus. "Id-demokrazija ma tistax tiġi sospiża f'nofs kriżi daqshekk drammatika ... Bħala leġiżlaturi, għandna l-meżżi, il-possibbiltà u d-dmir li ngħinu", [qal il-President tal-PE](#) Sassoli qabel l-ewwel plenarja fejn qatt ittieħdet votazzjoni mill-bogħod f'Marzu 2020.

" "Il-Parlament adatta ruħu biex jiżgura li jkun jista' jkompli jiffunzjona u li l-ilħna tal-membri jkunu jistgħu jinstemgħu", "

David Sassoli

Il-President tal-Parlament Ewropew

Plenarja

Preċedentement, il-votazzjoni kienet teħtieġ preżenza fiżika fil-kamra. Skont ir-regoli, [id-dritt tal-vot](#) huwa wieħed personali u l-Membri tal-PE jitfgħu l-vot tagħhom individualment u personalment.

Il-Parlament żviluppa sistema remota li hija kemm sikura, b'mekkaniżmi ta' verifika inkorporati, kif ukoll effiċċjenti: Jekk fil-plenarja fl-aħħar ta' Marzu kien hemm dibattitu wieħed, tliet sessionijiet ta' votazzjoni u 11-il vot, fil-plenarja fl-aħħar ta' Ottubru, kien hemm 18-il dibattitu, [13-il sessjoni ta' votazzjoni u aktar minn 1 500 vot](#).

Matul il-plenarja ta' Ottubru, il-Membri tal-PE setgħu jipparteċipaw fid-dibattiti mill-uffiċċi ta' kollegament tal-PE fl-Istati Membri tagħhom.

Filwaqt li s-sitwazzjoni serja tas-saħħha tfisser li s-sessjonijiet plenarji [bħalissa qed iseħħu mill-bogħod](#), il-President qal li l-Parlament se jerġa' lura għas-sede tiegħi fi Strasburgu malli l-kundizzjonijiet ikun jippermettu dan.

Kumitat

Il-ħidma [fil-kumitati](#) wkoll ġiet adattata, u l-laqqħat qed isiru permezz tal-vidjokonferenzi jew f'format ibridu. L-interpretazzjoni u l-votazzjoni fil-kumitati nżammu.



Gruppi politiċi u korpi governattivi

Is-seba' gruppi politiċi u l-korpi governattivi tal-Parlament, bħalma hi l-Konferenza tal-Presidenti, ukoll qed ikomplu l-ħidma tagħhom mill-bogħod.

Aktar informazzjoni

Il-laqqhat tal-plenarja u tal-kumitat qed ikomplu jixxandru fuq l-internet:
EP Newshub – Segwi l-Membri tal-PE fuq il-midja soċjali